FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-18 TA' FRAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER P MIRUZZI
VS
ANTHONY CUSCHIERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Cuschieri ta' 50 sena bin Nazzareno u Helen xebba Grech imwieled B'Kara fil-31 ta' Marzu 1952 u residenti Block D, Door B, Flat 6, Ta Paris Housing Estate, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita numru 314152M talli fil-15 t'Ottubru 2001 u fis-snin ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer seraq senter tal-marka Benelli b'numru ta' serje 159895 li jisWa aktar minn mitt lira maltin (Lm100) pero anqas minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-detriment ta' Antonio Caruana liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa. Dan bi ksur tal-artikoli 261 u 267 tal-kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom. Dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 Kodici Kriminal tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-kap 66 Ordinanza dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-sitess data, lok, u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1A) tal-kap 66 tal-Ordinanza dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Benelli b'numru ta' serje 159895 jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenza, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk din l-arma tan-nar jew munizzjon ghadhomx jinzammu that idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz. Dan bi ksur tal-Artikolu 9(1) tal-kap 66 Ordinanza dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fil-15 t'Ottubru, 2001 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija gewwa Had-Dingli kien qed jdur ghall-kacca b'xi xkubetta jew arma ohra tan-nar jigifieri senter tal-marka Benelli b'numru ta' serje 159895 minghajr licenza valida mill-Kummissrju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 205(2) tal-kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 4 ta l-Avviz Legali 146 ta' l-1993.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar 2002 fejn l-imputat ammetta ghat-tieni, t-tielet, ir-raba, il-hames u s-sitt akkuza u rat wkoll illi l-prosekuzzjoni irtirat l-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba, il-hames u s-sitt akkuza u wara li rat Art 334, 28A tal-kap 9, Art 3(1) (1a), 9(1) tal-kap 66, Art 205(2) tal-kap 10, Reg 4 tal-Avviz Legali 146/93 u tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena u tikkundannah ghal Lm100 multa u inoltre tordna l-konfiska ta' l-arma.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.